MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1550/2002

***Middlesea Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Francis Ciantar u l-istess Francis Ciantar***

***vs***

***Jesmond Pulis***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm765.21) rappresentanti in kwantu ghal Lm615.21, ammont imhallas mis-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' Lm150, imhallsa mill-attur u dana ghal danni sofferti minnhom b'konsegwenza ta' incident stradali li sehh fl-24 ta' Jannar 2002 gewwa l-Gudja bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni IBF 417, proprjeta' ta' l-attur u dik bin-numru ta' registrazzjoni EAI 109 misjuqa mill-konvenut, liema incident stradali kien

kagun ta’ imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz lill-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-18 ta’ Lulju 2002 fejn gie eccepiet illi l-istess konvenut ma huwiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza stante illi dana sehh unikament minhabba f’traskuragini u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tas-sewwieqa tal-vettura IBF 417, ossija ta’ Marilyn Ciantar. Illi inoltre huwa eccepixxa illi id-danni pretizi huma esagerati.

Sema' x-xhieda ta’ Marilyn Ciantar, Andrew Pizzuto u tal-konvenut Jesmond Pulis.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ Dokumenti MC1 sa MC4, konsistenti fid-dikjarazzjoni *front-to-rear* iffirmata miz-zewg sewwieqa, affidavit ta’ Marilyn Ciantar, kif ukoll ritratti tal-vetturi involuti fl-incident, kif ukoll  Dokumenti AP1 sa AP4 konsistenti f’*invoice* tat-tiswijiet fuq il-vettura IBF417, *survey report* u kopja ohra tad-dikjarazzjoni *front-to-rear*.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu ta’ din il-kawza sehh vicin ir-*roundabout* ta’ hdejn l-Ajruport Internazzjonali gewwa l-Gudja u dana bejn il-vettura IBF 417, proprjeta’ ta’ l-attur, izda li dak in-nhar kienet qed tinsaq minn Marilyn Ciantar u l-vettura bin-numru EAI 109, misjuqa mill-konvenut.

Illi pulizija li gew fuq il-post ta’ l-incident ma kenux hejjew rapport u dana ghaliex issuggerew lis-sewwieqa sabiex jimlew id-dikjarazzjoni *front-to-rear*, liema  dikjarazzjoni tinsab esibita darbtejn fl-atti bhala Dokument MC1 u Dokument AP4.

Jidher illi z-zewg vetturi qabel l-impatt kienu qed jinsaqu fl-istess direzzjoni fit-triq li tiehu mir-rahal tal-Gudja ghall-ajruport, liema triq fiha iktar minn karreggjata wahda u kienu t-tnejn li huma bi hsiebhom jaqqbdu *ir-roundabout*. Marilyn Ciantar tikkontendi illi hija kienet qieghda ssuq fuq l-*outer lane* u cioe' fil-karreggjata li tmiss mas-*centre strip* filwaqt illi l-konvenut kien qieghed fuq il-karreggjata l-ohra biswit taghha. It-tnejn li huma kienu qed jirrallentaw ghaliex kienu qed joqorbu lejn l-*istop sign* qabel ma jaqsmu ghar-*roundabout*. Hija tghid illi t-tnejn li huma kienu rrallentaw hdejn xulxin sabiex jistennew it-traffiku li gej mid-direzzjoni ta' Hal Luqa jghaddi. Kif ghadda t-traffiku huma t-tnejn bdew isuqu flimkien. Ciantar issostni illi f'daqqa wahda minghajr ma ghamel l-ebda indikazzjoni Pulis qabad u kiser ghal gol-karozza taghha, x'aktarx sabiex jaqbad il-karreggjata li tmiss mar-*roundabout*. Hija tghid illi ma kenux lahqu hargu hafna 'il barra mit-triq fejn kienu jinstabu.

Il-verzjoni moghtija mill-konvenut hija kemmxejn differenti u dana peress illi huwa jikkontendi illi kienet Ciantar li baqghet diehla fih waqt illi huwa kien qieghed wieqaf fuq l-*istop sign* jistenna jghaddi t-traffiku gej minn Hal Luqa halli jkun jista' johrog u jaqsam ghal mar-*roundabout*. Jikkontendi illi dak in-nhar ta' l-incident kienet ix-xita u d-dlam u illi l-vettura ta' Ciantar skiddjat u baqghet diehla fih. Huwa jghid illi peress illi kien hemm vettura ohra wieqfa fuq il-karreggjata in-naha tax-xellug tieghu li kienet spustjata ftit 'il barra, huwa kellu jieqaf bir-rota ta' quddiem tieghu fuq il-karreggjata tan-naha tal-lemin tieghu u cioe' dik fejn kienet qed issuq Ciantar.

Jidher illi l-formola tad-dikjarazzjoni *front-to-rear* imtliet mill-gharus ta' Ciantar, Darren Grech, liema formola madankollu giet iffirmata miz-zewg sewwieqa. Ghalkemm il-verzjonijiet ta' l-incident moghtija mis-sewwieqa fuq din il-formola hija l-istess bhal dik moghtija quddiem it-Tribunal, madanakollu hemm diversi elementi li fl-imsemmija dikjarazzjoni u l-iskizz jimmilittaw kontra l-konvenut.

1. Il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut fuq l-iskizz tidher kwazi kompletament fuq il-karreggjata tal-vettura misjuqa minn Ciantar.
2. Fil-kaxxa numru 13 gie indikat illi l-habta sehhet hekk kif il-konvenut kien qieghed jibdel il-karreggjata.

Barra minn dawn il-fatturi ferm importanti li johorgu minn dan id-dokument, hemm l-ammissjoni tal-konvenut illi huwa minnu illi l-vettura tieghu kienet tinsab in parti fuq il-karreggjata fejn kienet il-vettura ta’ Ciantar. Din id-dikjarazzjoni giet iffirmata mill-konvenut u ghalkemm huwa jallega illi ma qadx jifli d-dokument qabel iffirmah, peress illi dak in-nhar kienet ix-xita u d-dlam u inoltre huwa kien mghaggel sabiex jasal fuq il-post tax-xoghol, Marilyn Ciantar issostni illi fuq il-post ta’ l-incident kienu wasslu il-genituri tal-konvenut u qabel ma ffirma, missieru kien wissieh sabiex jaqrah sew.

Finalment anke l-hsarat fuq il-vetturi jmorru kontra l-verzjoni tal-konvenut. Il-hsarat fuq il-vettura misjuqa minn Ciantar kienu fuq in-naha tax-xellug, fuq quddiem fil-kantuniera, filwaqt illi dawk tal-konvenut kienu fuq il-parti ta’ wara n-naha tal-lemin u cioe’ fuq il-kantuniera ta’ wara. Kieku stess l-attrici skiddjat, kif jallega l-konvenut, kieku fl-ewwel lok, il-hsarat fil-vettura taghha x’aktarx kienu jkunu aktar estensivi oltre l-fatt illi kien jintlaqat il-parti ta’ quddiem iktar milli l-genb fir-rokna.

Illi ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi illi l-verzjoni moghtija minn Marilyn Ciantar hija iktar verosimili minn dik tal-konvenut u illi ghalhekk kien hu li jahti ghall incident mertu tal-kawza.

Rigward il-*quantum* tad-danni, ghalkemm il-konvenut qieghed jikkontestah u jallega illi huwa esagerat, madanakollu ma tressqet l-ebda kontestazzjoni dwar il-provi migjuba mill-atturi f’dan ir-rigward hlief ghal Lm15 tas-*survey report* li sar minn Frank V. Fenech, *surveyor* impjegat bhala direttur mad-ditta attrici. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma f’dan ir-rigward illi ghalkemm ma gietx esibita ricevuta ta’ hlas, ma hemmx dubbju li l-istess *survey* sar u dana ghaliex jinsab esebiet fl-atti processwali. Illi inoltre

mix-xhieda ta’ Anthony Pizzuto rappresentant tas-socjeta’ attrici, jidher illi l-imsemmi *surveyor* jithallas separatement ghas-*surveys* illi huwa jaghmel u jinhareg kont wiehed fl-ahhar tax-xahar ghar-rapporti kollha li jkun ghamel matul dak ix-xahar partikolari.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ seba’ mija u hamsa u sittin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm765.21), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------